# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Gunju 2002**

**Numru 7**

**Avviz numru 317/02mm**

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Guido u Carmen konjugi Agius**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, sitt mija u tlieta u tmenin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm3683.12) liema somma hija dovuta skond sittax-il kambjala (16) kambjaliet (028 sa 035 u 024 sa 031) iffirmati mill-istess konvenuti, li kopja taghhom giet esebita, liema kambjaliet skadew izda baqghu ma thallsux, nonstante li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata 12 ta' Mejju, 2002, u ta' Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba ghas-somma ta' elfejn, seba' mija u erbgha u sittin lira Maltin (Lm2764.00) pero' zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-17 ta' Gunju, 2002, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif ridotta u cioe' ghas-somma ta' elfejn, seba' mija u erbgha u sittin lira Maltin (Lm2764.00), bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit

Dep Reg.